**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 36/18 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AG 1';

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel ossia L B li llum ghandu l-età ta' erbatax (14) –il sena;

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-atti tan-Nutar Dottor Charmaine Sant, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AG 2' u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet opportun;

4. Illi r-rikorrenti ilhom separati legalment ghal iktar minn sebgha (7) snin,  ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt surreferit ir-rikorrenti A B obbliga ruhu li jhallas lil C D manteniment ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri filwaqt li ir-rikorrenti irrinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin;

6. Illi ir-rikorrenti A B dejjem hallas il-manteniment stipulat fil-kuntratt surreferit u ghadu qed ihallas l-imsemmi manteniment u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta' manteniment;

7. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbu li din il- Qorti :

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-25 ta' Novembru 2009 u ilhom separati legalment ghal aktar minn seba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.